II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 696/2014

**tal-24 ta' Ġunju 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi tal-aċidu eruċiku fiż-żjut u xaħmijiet veġetali u ikel li fih żjut u xaħmijiet veġetali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistabbilixxi l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel.

(2) Ġie stabbilit livell massimu għall-aċidu eruċiku fiż-żjut u x-xaħmijiet maħsuba għall-konsum mill-bniedem u fl-oġġetti tal-ikel li jkun fihom żjut jew xaħmijiet miżjuda permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 76/621/KEE ([3]). L-aċidu eruċiku huwa tossina tal-pjanti naturali li hija kontaminant skont id-definizzjoni tal-kontaminant stipulata fir-Regolament (KEE) Nru 315/93 billi l-preżenza tal-aċidu eruċiku fl-ikel hija r-riżultat tal-produzzjoni agrikola, b'mod aktar partikolari l-għażla tal-varjetà. Sabiex il-leġiżlazzjoni tiġi ssemplifikata, jixraq li jiġi stabbilit livell massimu għall-aċidu eruċiku fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Barra minn hekk jixraq ukoll li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet għall-oġġetti tal-ikel b'kontenut ta' xaħam ta' 5 % jew inqas. Imbagħad id-Direttiva 76/621/KEE għandha titħassar permezz ta' att legali indipendenti.

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel enfasizza l-adegwatezza tal-livell massimu għall-aċidu eruċiku fl-opinjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 1993 dwar ir-rekwiżiti essenzjali għall-formuli tat-trabi u l-formuli ta' prosegwiment ([4]).

(4) Il-livell massimu aktar strett għall-aċidu eruċiku fil-formuli tat-trabi u formuli ta' prosegwiment ġie stabbilit bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([5]), għalhekk huwa xieraq li jiġi indikat ukoll il-livell massimu fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

(5) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

---

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/621/KEE tal-20 ta' Lulju 1976 dwar l-iffissar tal-livell massimu ta' aċidu eruċiku fiż-żjut u x-xaħmijiet maħsubin bħala tali għall-konsum mill-bniedem u fl-oġġetti tal-ikel li jkun fihom iż-żjut jew ix-xaħmijiet miżjudin (ĠU L 202, 28.7.1976, p. 35).
([4]) http://ec.europa.eu/food/fs/sc/scf/reports/scf_reports_34.pdf
([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli ta' prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, tiżdied it-taqsima 8 "Tossini inerenti tal-pjanti" li ġejja.

**"Taqsima 8: Tossini inerenti tal-pjanti**

| Oġġetti tal-Ikel (1) | | Livelli massimi (g/kg) |
|---|---|---|
| 8.1 | **Aċidu eruċiku** | |
| 8.1.1 | Żjut u xaħam veġetali | 50 (*) |
| 8.1.2 | L-ikel li fih żjut u xaħmijiet veġetali miżjuda bl-eċċezzjoni tal-ikel imsemmi fil-punt 8.1.3 | 50 (*) |
| 8.1.3 | Formula (tal-ikel) tat-trabi u formula ta' prosegwiment (8) | 10 (*) |

(*) il-livell massimu jirreferi għal-livell ta' aċidu eruċiku, ikkalkulat skont il-livell totali ta' aċidi grassi fil-komponent ta' xaħam fl-ikel."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO